Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1830

19.7.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1830

## tas-17 ta' Ġunju 2024

## dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE ([2]), il-Komunità Ewropea approvat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (UNCLOS) u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 dwar l-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet irregolati minnha li l-kompetenza dwarhom ġiet ittrasferita lill-Komunità mill-Istati Membri tagħha. L-Unjoni s'issa hija l-unika organizzazzjoni internazzjonali li hija Parti għall-UNCLOS skont it-tifsira tal-Artikolu 305(1)(f) tal-UNCLOS u l-Artikolu 1 tal-Anness IX tagħha.

(2) Il-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali ("il-Ftehim") ġie adottat fi New York fid-19 ta' Ġunju 2023.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill innota li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għar-ratifika u l-implimentazzjoni rapida tal-Ftehim u ħeġġeġ lill-Istati kollha biex jagħmlu l-istess.

(4) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom l-għan li jirratifikaw il-Ftehim qabel il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Oċeani li ser isseħħ fl-2025.

(5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1974 ([3]), il-Ftehim ġie ffirmat fl-20 ta' Settembru 2023, f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(6) Skont l-Artikolu 66 tal-Ftehim, il-Ftehim huwa soġġett għar-ratifika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni mill-Istati u mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika, bħall-Unjoni.

(7) Il-Ftehim huwa konformi mal-objettivi ambjentali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jiġifieri: l-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem; l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali; u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u partikolarment għall-ġlieda kontra t-tibdil klimatiku.

(8) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tiġix interpretata bħala li tagħmel użu mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward tal-oqsma koperti mill-Ftehim li jaqgħu taħt kompetenza kondiviża. Fil-qasam tal-kompetenzi kondiviżi, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn il-Ftehim ma jaffettwax regoli komuni jew ma jbiddilx il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, inkluż l-iżvilupp futur prevedibbli tagħhom.

(9) Il-konklużjoni tal-Ftehim mill-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-ratifika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni tal-Ftehim.

---

([1]) Approvazzjoni mogħtija fl-24 ta' April 2024.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1974 tat-18 ta' Settembru 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversitàmarina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (ĠU L 235, 25.9.2023, p. 1).

(10) F'konformità mal-Artikolu 67(1) tal-Ftehim, ġie mfassal kodiċi ta' kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti interni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jirriflettu r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għat-twettiq tal-obbligi tagħhom u l-eżerċizzju tad-drittijiet skont il-Ftehim u għandu jkun applikabbli mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Dawk l-arranġamenti jqisu kif xieraq l-interessi leġittimi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, b'rispett dovut għad-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-UNCLOS.

(11) F'konformità mal-Artikolu 67(2) tal-Ftehim, l-Unjoni għandha tiddikjara, fl-istrument ta' approvazzjoni tagħha, l-estent tal-kompetenza tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet regolati mill-Ftehim ("id-Dikjarazzjoni tal-Kompetenza").

(12) Skont l-Artikolu 70 ta' dan il-Ftehim, flimkien mal-Artikolu 10(1) tiegħu, jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel eċċezzjoni biex teskludi l-effetti retroattivi kif jinsabu fit-tieni sentenza tal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim ("l-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività"). Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jenħtieġ li japplikaw, għall-Unjoni, biss għal attivitajiet marbuta mar-riżorsi ġenetiċi marini u mal-informazzjoni ta' sekwenza diġitali dwar riżorsi ġenetiċi marini ta' żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali miġbura u ġġenerata wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-Unjoni.

(13) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sovranità, id-drittijiet sovrani u l-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri f'konformità mal-UNCLOS.

(14) Il-Ftehim, id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza u l-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività jenħtieġ li jiġu approvati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([4]).

2. Il-konklużjoni tal-Ftehim mill-Unjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Ftehim.

*Artikolu 2*

Id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza meħtieġa mill-Artikolu 67(2) tal-Ftehim ("id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza") hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni ([5]).

*Artikolu 3*

L-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività skont l-Artikolu 70 tal-Ftehim, flimkien mal-Artikolu 10(1) tiegħu, ("l-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività") hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni ([6]).

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna jew il-persuni li jkollhom is-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' approvazzjoni previst mill-Artikolu 66 tal-Ftehim, flimkien mad-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza u l-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil- jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ġunju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. MARON

([4]) It-test tal-Ftehim huwa ppublikat fil-ĠU L, 2024/1831, 19.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree/2024/1831/oj.

([5]) It-test tad-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza huwa ppublikat fil-ĠU L, 2024/1832, 19.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/declar/2024/1832/oj.

([6]) It-test tal-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività huwa ppublikat fil-ĠU L, 2024/1833, 19.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/declar/2024/1833/oj.